# Talba biex titkabbar il-knisja viċi-parrokkjali ta' San Ġiljan (1852)

*Winston L. Zammit B.A. (Hons), M.A.*

Fl-1849, il-Knisja ta' San Ġiljan Ospidalier fir-raħal marittimu ta' San Ġiljan ġiet elevata għal grad ta' viċi Parroċċa. U bħala viċi Parroku residenti fil-post ġie maħtur is-saċerdot Karkariż Dun Ġużepp Xerri D.D.[1]

Fil-bidu ta' l-1852, il-Markiż Pawlu Testaferrata d'Olivier, Serafino Zammit, Luigi A. Eynaud, Dr Aloisio Mallia, Dr Ferdinando Caruana Dingli, Dr A. Spiteri u Dr Michele Parnis, li ddiskrevew ruħhom bħala rappreżentati ta' dawk li kellhom il-proprjetà u ta' l-abitanti "fissi e temporanaee del villaggio di San Giuliano" irrappreżentaw rikors lill-Isqof ta' Malta Mons. Publiju Sant, li l-għan tiegħu kien li jingħataw il-permess biex ikabbru il-knisja ta' San Ġiljan Ospidalier.

Fir-rikors tagħhom, huma qalu li l-popolazzjoni ta' San Ġiljan flimkien man-numru dejjem jikber ta' villeġġjanti, kien irrenda neċessarju it-tkabbir tal-knisja sagramentali ta' San Ġiljan Ospidalier. Dan kien qanqal lir-rikorrenti biex jallokaw somma ta' flus għal dan il-proġett permezz tal-kontribuzzjonijiet, u kellhom ukoll jikkonsultaw nies esperti f'dan il-qasam biex imexxuhom bl-aħjar mod possibli fit-twettiq ta' dan il-proġett.

Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Isqof sabiex jagħtihom il-permess meħtieġ. Jidher li dan ir-rikors ġie preżentat lill-Isqof Publiju Sant fil-bidu ta' l-1852, għax fit-12 ta' Jannar 1852, l-Isqof Sant ordna lill-Propostu Kurat ta' Birkirkara biex jagħmel rapport fuq ir-rikors tal-Ġiljaniżi, u b'mod partikolari jekk verament kienx hemm neċessità li titkabbar il-knisja.

F'dak iż-żmien il-viċi Parroċċa ta' San Ġiljan kienet tiddependi mill-Parroċċa ta' Birkirkara, u l-Proposti Kurat ta' Birkirkara kien il-Kan. Dun Ġużepp Debono.

L-imsemmi Proposti Kan. Debono, f'relazzjoni bid-data tas-26 ta' Jannar 1852, informa lill-Isqof Sant li għalkemm ma kienx jinħass il-bżonn tat-tkabbir tal-knisja fl-istaġun tax-Xitwa, fl-istaġun tas-Sajf il-knisja kienet tinħass żgħira, billi kienet tilqa' ħafna nies, speċjalment mill-Belt għall-villeġġjatura u għall-għawm. Għaldaqstant kienet neċessità li titkabbar il-parti tas-sagristija wara l-imsemmija knisja.

Għaldaqstant il-Prepostu Debono kien tal-parir li kellu jingħata l-permess mitlub mir-rikorrenti, iżda bil-kundizzjoni li qabel imissu l-knisja u jinbeda x-xogħol, tkun inġabret is-somma ta' flus li biha setgħu jitħallsu l-ispejjeż kollha, biex tiġi mitmuma l-opra u ma jkunx sospiż ix-xogħol. Iżda l-Prepostu ma kienx favur l-ideja li jinbena portiku quddiem il-knisja.

L-Isqof Publiju Sant fl-4 ta' Frar 1852 qabel mar-relazzjoni tal-Prepostu, iżda ried li qabel ma jinbeda x-xogħol jiġi ppreżentat abbozz tax-xogħol.[2]

Minn rapport li deher f'gazzetta lokali f'Awissu 1852, nafu li x-xogħol kien diġà nbeda. Jidher li x-xogħol tlesta sa Frar 1853, għax nhar il-Ħadd 20 ta' Frar, 1853, l-imsemmija knisja reġgħet ġiet imbierka mill-Prepostu Dun Ġużepp Debono b'delegazzjoni mill-Awtorità Ekkleżżjastika.[3]

*Noti*

1. A(rkivju) K(atidral) Malta, Concorsi B'Kara 1866, Dikjarazzjoni tal-Viċi-Parroku Dun Ġużepp Xerri File No 27, f196R, fejn Dun Ġużepp Xerri jgħid li beda l-Ministeru tiegħu f'San Ġiljan fil-5 t'Awissu, 1849.
2. A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovali) Suppliche 1852 Vol.II f357R, 357V.
3. *L'Ordine*, 18-VIII 1852, 25-II 1853.

FOCAL

45, St George's Road, St Julian's

Tel. 335216

PHOTOGRAPHIC DEALERS ● GENERAL PHOTOGRAPHERS
BOOKINGS ACCEPTED FOR WEDDING AND SOCIAL OCCASIONS